**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 202/2016 CFF**

**PATER FINANCE CO LTD**

**Vs**

**JOANNE CORSER**

**Illum it-Tlieta 14 ta' Marzu, 2017**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors** guramentat tas-socjeta' Pater Finance Co. Ltd; fejn Marcel Avellino bil-gurament tieghu kkonferma:

Illi s-socjeta' esponenti kienet ipprezentat ittra ufficjali bil-kambjali taht l-artikolu 253 tal-Kap. 12, fl-ismijiet premessi fit-8 ta' Marzu, 2011;

Illi sussegwentement is-socjeta' esponenti kienet ipprezentat ukoll mandat ta' sekwestru ezekuttiv kontra d-debitrici fid-29 t'Awwissu, 2012, li jgib in-numru ta' referenza 2377/2012;

Illi izda sal-lum l-intimata ghadha debitrici tal-esponenti stante li l-ammont dovut hekk indikat fis-sentenza hawn imsemmija ghadu qatt ma thallas mill-intimata;

Illi s-socjeta' esponenti ghadha dovuta mill-intimata l-ammont ta' **erbat elef erba' mija u wiehed u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€4,421.29)** u dan oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez li huma wkoll dovuti mill-intimata lis-socjeta' esponenti;

Illi peress li ghaddew aktar minn hames snin mill-gurnata li fiha s-socjeta' esponenti kienet f'pozizzjoni li tezegwxxi din l-ittra ufficjali, u kif ukoll stante li l-ammont dovut ghadu ma thallasx kollu, oltre l-imghaxijiet u l-ispejjez, is-socjeta' esponenti qieghda tintavola dan l-umli rikors ai termini ta' l-artikolu 258(c) tal-Kap. 12;

Ghaldaqstant is-socjeta' esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tawtorizza u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv u dan sabiex is-socjeta' esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimata debitrici u kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollu, oltre l-imghaxijiet u spejjez, u dan skont dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li jkunu xierqa u opportuni fic-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ai termini ta' l-istess artiklu 258 tal-Kap. 12, Marcel Avellino li ghandu l-karta t'identita' bir-riferenza 426958M debitament awtorizzat, bil-gurament tieghu kkonferma l-fatti hawn imsemmija.

Rat illi fis-seduta tas-7 ta' Marzu, 2017 Franco Gove' in rapprezentanza tas-scojeta' rikorrenti xehed illi l-ammont indikat fir-rikors promotur ghadu kollu dovut.

Rat illi fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2017, l-intimata Joanne Corser debitament notifikata fl-1 ta' Frar, 2017 u msejha tliet darbiet ma dehritx u lanqas ipprezentat ir-risposta taghha.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba u tordna li t-titolu in kwistjoni fl-ismijiet premessi jerga' jigi rez ezekuttiv u dan sabiex is-socjeta' esponenti tkun f'pozizzjoni li tezegwixxi l-istess titolu bil-mandati ezekuttivi opportuni kontra l-intimata debitrici u

kull att iehor relevanti, stante l-ammont dovut ghadu ma giex imhallas kollu, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet kollha sal-pagament effettiv.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**